# Is-Santwarju u l-Parroċċa tal-Qalb ta' Ġesù tal-Fontana

**Il-Ħadd, 21 ta' Ġunju 2026**


| | | | |
|---|---|---|---|
| **Quddies il-Ħadd** | 6.30am, 8.30am, 10.30am, 4.30pm | **Uffiċċju** | 196, Triq tal-Għajn, Il-Fontana, FNT 9026 *b'appuntament* |
| **Quddies tul il-ġimgħa** | 7.00am, 11.30am (barra s-Sibt), 7.00pm | **Telefon** | 21556097 (uffiċċju) \| 79093699 (kappillan) |
| **Adorazzjoni fis-skiet** | Il-Ġimgħa, 7.30-11.30am; 4.00-7.00pm | **Radju** | Radju Sacro Cuor 105.2FM |
| **Paġna *Facebook*** | 'Parroċċa tal-Qalb ta' Ġesù tal-Fontana' | **Imejl** | fontanaparish@gmail.com **Websajt** www.qalbtagesu.com |


## KONNA TA' EŻEMPJU GĦAL ĦAFNA

Tabilħaqq kuntent u kburi illi kellna festa li għalkemm imħejjija minn poplu ċkejken, kienet ta' eżempju għal ħafna ta' kif għandha tkun festa ta' komunità Nisranija. L-attendenza sabiħa ħafna li kellna tul id-Disa' Ġimgħat, f'jum il-Festa Liturġika u f'jum il-Festa Titulari wriet kemm aħna parroċċa li taf tpoġġi l-fidi u l-imħabba lejn il-Qalb ta' Ġesù qabel kollox. Dan il-ferħ kbir imbagħad, far minn ġol-knisja għal ġot-triqat u d-djar permezz tal-ferħ spontanju u sabiħ li wrejna fil-festi esterni. Il-folla ferm sabiħa li kellna fil-purċissjonijiet tal-Ġimgħa u tal-Ħadd kienet tassew rigal sabiħ lill-Qalb ta' Ġesù u ta' xhieda qawwija ta' mħabba. Prosit!

## GRAZZI KBIRA

Lis-saċerdoti u lill-abbatini, lis-sagristan, lir-radju, lill-pulizija, lill-Kunsill Lokali u lill-għaqdiet. Grazzi lil ħafna voluntiera li huma karatteristika unika tal-komunità tagħna. Grazzi lill-benefatturi kollha li minkejja ċ-ċokon tal-komunità taw il-flus biex stajna norganizzaw festa tabilħaqq dinjituża. Grazzi lil *Chorus Urbanus* u lill-fjoristi. Apprezzament lil tan-nar, illi minkejja dak li ġara xorta ma qatgħux qalbhom. Ħafna nies għenu minn qalbhom lill-Parroċċa, min b'mod u min b'ieħor, u impossibbli ssemmihom kollha. Grazzi verament lil kulħadd. Bil-ħidma u bl-imħabba tagħkom, il-Parroċċa tal-Fontana bbrillat. Il-Mulej ipattielkom.

**VIVA L-QALB TA' ĠESÙ. VIVA L-FONTANA**. *Il-Kappillan.*

## Il-quddiesa tal-11.30am fis-sajf

Minn għada t-Tnejn, il-quddiesa tal-11.30am mhux ser issir (issir biss fl-ewwel Ġimgħa tax-xahar). Terġa' tibda ssir fit-tieni nofs ta' Settembru. Il-quddies l-ieħor jibqa' kollu l-istess.

## Iktar avviżi

- Għada t-Tnejn hija l-festa tas-sejħa tal-Verġni Marija f'Ta' Pinu. Inżuru s-Santwarju Ta' Pinu f'dan il-jum speċjali li fih il-Madonna għażlet li tkellemna bl-Għawdxi f'Għawdex tagħna.
- Nappellaw għal imġieba u lbies dekorużi fil-knisja. Il-knisja tibqa' d-Dar t'Alla anke fis-sajf. Nieħdu ħsieb il-fannijiet u ma nkunux egoisti.

**Providenza:** Familji tal-Preċett u Griżma **€525**; NN **€50** *b'ħajr lill-Qalb ta' Ġesù*; NN (Qala) **€100** *għall-ostji/inbid.* Grazzi!

### Intenzjonijiet tal-Quddies tal-ġurnata

| | |
|---|---|
| **It-Tnejn 22** | Toni, Tereża Farrugia u fam. Borg |
| **It-Tlieta 23** | Ġanni, Nikolina Bugeja u fam. |
| **L-Erbgħa 24** | Fam. Livori u Rose Zahra |
| **Il-Ħamis 25** | Ġiljan, Marija, Tony Borg |
| **Il-Ġimgħa 26** | Ċensa, Reġina, Joe Zammit |
| **Is-Sibt 27** | Karmnu, Ġużeppa, Anġlu Curmi u fam. (f) |
| **Il-Ħadd 28** | Toni, Roża, Reġina Zammit u fam. (l) |















